*TIBDIL TA' ISEM*

*ART 244 TAL-KAP 16*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 10/2017/LSO**

**Phaitoon *sive* Benjawan Saliba (Karta tal-Identita numru 25929A)**

**vs**

**1. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku; u**
**2. L-Agenzija Identity Malta**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' **Benjawan Saliba (25929A)** datat 5 ta' Jannar 2017 fejn espona: -

IIIi hija twieldet nhar is-17 t'April 1969 fit-Tajlandja u li f'dak iz-zmien hija kien jisimha "Phaitoon Prongsanthiah";

IIIi kif jidher minn traduzzjoni awtentikata ta' dokument mahrug minn awtorita` kompetenti fit-Tajlandja, ir-rikorrenti biddlet isimha minn "Phaitoon Prongsanthiah" ghal "Benjawan Prongsanthiah";

llli meta r-rikorrenti zzewget lic-cittadin Malti Emmanuele Saliba (234544M), hija hadet kunjom zewgha u saret "Benjawan Saliba";

Illi hija giet registrata bhala cittadina ta' Malta nhar it-2 ta' Settembru 2016 permezz tac-Certifikat ta' Registrazzjoni numru 18163;

IIIi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' bintha, Duangkamol Saliba, isem ir-rikorrenti huwa indikat b'mod korrett;

Illi fuq dokument mahrug mir-Registru Pubbliku (Series F) li permezz tieghu giet registrata l-adozzjoni ta' Benjaporn Saliba, isem ir-rikorrenti addottanti huwa indikat b'mod korrett;

Illi fuq diversi dokumenti ohrajn, fosthom dokumenti bankarji, kuntratti pubblici u licenzja ghal *restaurant* mahruga mill-Awtorita` tat-Turizmu, isem ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Benjawan Saliba", liema isem huwa korrett;

Illi minkejja dan, il-Karta tal-Identita` tar-rikorrenti tindika isem ir-rikorrent b'mod zbaljat;

Illi s-suespost qieghed jintalab *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-isem "Benjawan Saliba" huwa l-isem korrett tar-rikorrenti; u

2. Tordna li l-Karta tal-Identita` tar-rikorrenti kif ukoll kull att tal-istat civili u kull dokument ufficjali jkunu mibdula sabiex jirriflettu l-fatt li "Benjawan Saliba" huwa l-isem korrett tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 6 ta’ Frar 2017 (fol 31) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li hija ghandha tidher bhala ***"Phaitoon sive Benjawan Saliba"*** *stante* li l-isem *'Benjawan'* ma jappartjenix lilha skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru tal-iskrizzjoni hamest elef mitejn u sebgha u tmenin (5287) tas-sena elfejn u sittax (2016) anness u mmarkat bhala **'**DOK DRP 1';

3. Illi l-esponent irregistra l-att tat-twelid tar-rikorrenti wara talba maghmula taht **Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** illi specifikament jippermetti illi jigi registrat Att tat-Twelid u mhux certifikat ta' bdil ta' isem. Ghalhekk l-esponenti ma setax jaccetta c-certikat ta' bdil ta' isem tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala 'DOK DRP 2' u 'DOK DRP 3'. L-Att tat-Twelid tar-rikorrenti juri isem ir-rikorrenti bhala *Phaitoon* u mhux *Benjawan.* Ghalhekk id-Direttur kellu bilfors jirregistra bl-isem ta' fuq l-Att tat-Twelid skont id-dettami tal-imsemmi artikolu 244;

4. Illi bla pregudizzju fir-rigward tal-Karta tal-Identita' din tigi mibdula awtomatikament mill-agenzija Identity Malta wara li u jekk il-Qorti tilqa' t-talba u tordna illi jsir il-bdil rikjest fl-att tat-twelid u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega illi tissejjah fil-kawza;

5. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni hamest elef mitejn u sebgha u tmenin (5287) tas-sena elfejn u sittax (2016), li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

6. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Juliana Scerri Ferrante ghall-attrici u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Rifferibbilment ghat-tieni (2) eccezzjoni Dr Scerri Ferrante talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-isem tar-rikorrenti ghandu jitnizzel bhala "Phaitoon *sive* Benjawan Saliba". It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u tordna l-korrezzjoni mehtiega u l-intimat ta ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Ir-rikorrenti kellha tesebixxi l-original jew kopja appostillata tac-certifikat tat-tibdil tal-isem, u l-affidavits attrici. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-21 ta’ Marzu 2017 fid-9:30a.m.; u l-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul iddikjarat li prezentat kopja awtentikata tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri u li l-kawza tista’ tibqa’ differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fid-9 ta' Jannar 2017 (fol 29) b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti b'digriet datat 16 ta' Frar 2017 (fol 38) u ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fuq l-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi jitnizzel bhala "Benjawan Saliba".

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu."*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, it-tielet eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li *stante* li fl-att tat-twelid esteru tar-rikorrenti, isimha kien imnizzel bhala 'Phaitoon', u mhux 'Benjawan', ma setghux jigu accettati c-certifikati ta' bdil ta' isem ir-rikorrent, li l-istess intimat esebixxa bhala DRP2 u DRP3.

Fi-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti sostniet li hija bidlet isimha fit-Tajlandja. Jirrizulta li r-rikorrenti twieldet fit-Tajlandja bl-isem ta' "Phaitoon Prongsanthiah", (Dok D), liema traduzzjoni tal-att tat-twelid esteru huwa esebit bhala (Dok E). Hi esebiet traduzzjoni tad-dokument esteru ta' tibdil ta' isem, bhala Dok F. Inoltre`, esebiet serje ta' dokumenti ufficjali, kopja tac-cittadinanza Maltija Dok A, kopja tal-att taz-zwieg u kopja tal-att tat-twelid ta' bintha, (Dok B u Dok C), li fiha hija indikata bl-isem "Benjawan." Hija esebiet ukoll serje ta' dokumenti relatati ma' licenzja tal-Awtorita` tat-Turizmu, permess ta' residenza, kopja tal-licenzja tas-sewqan, kif ukoll kopji ta' dokumenti bankarji, u kopji ta' skritturi privati,

(Dok G sa P) fejn hija konsistentement indikata bl-isem "Benjawan."

Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn iddikjarat solennement, li hi biddlet isimha minn "Phaitoon" ghal "Benjawan" fit-Tajlandja, u meta zzewget lil Emanuel Saliba hija hadet kunjomu. Spjegat li kemm f'Malta, kif ukoll fit-Tajlandja hija maghrufa u msejha bl-isem "Benjawan". Esebiet ukoll fl-atti, (a fol 45) kopja tat-traduzzjoni ghall-bdil ta' isimha li sar fit-Tajlandja *animo ritirandi*.

Fid-dawl tad-dokumenti esebiti u tal-affidavit taghha, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija msejha u maghrufa bl-isem "Benjawan Saliba" u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi r-rikorrenti hija cittadina Maltija, residenti f'Malta, u certament ghandha d-dritt li tipprevali ruhha mill-jedd moghti bnl-artiklu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, inoltre jirrizulta li t-tibdil fl-isem sehh regolarment fit-Tajlandja, fejn twieldet, u gie rikonoxxut u registrat f'dak il-pajjiz (DOK F).Ghaldaqstant it-tibdil mitlub huwa konformi mat-tibdil rikonoxxut fil-pajjiz tal-origini li emana c-certifikat tat-twelid originali.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif registrat. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghat-talba tar-rikorrenti li t-tibdil jigi rifless fil-karta tal-identita` taghha, jigi dedott li l-Agenzija Identity Malta li temani l-passaporti u l-karti tal-identita`, mhijiex parti f'dawn il-proceduri, izda din il-Qorti tifhem li l-Agenzija ghandha tadotta il-konnotati kif imnizzla u korretti fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, kif registrat hawn Malta, u kif ser jigi ordnat fis-sentenza odjerna. Inoltre`, t-talba tar-rikorrenti biex issir il-korrezzjoni f'kull att tal-istat civili iehor, mhuwiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi.

Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-att tat-twelid kif registrat f'Malta bin-numru progressiv ta' hamest elef, mitejn u sebgha u tmenin tas-sena elfejn u sittax(5287/2016),tiddisponi mit-talbiet billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem "Benjawan" huwa l-isem korrett tar-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament fis-sens li tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi billi isem ir-rikorrenti jigi mibdul f'Benjawan kull fejn jirrikorri filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess ghal dak li jirrigwarda l-Agenzija Identity Malta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Gunju 2017**